# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar id-9 ta' Frar 2023**

**Rikors Numru : 466/2022JPG**

**Kawza Numru : 19**

**CF**

**Vs**

**HD**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' CF datat 2 ta' Settembru 2022, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrenti zzewwget lill-intimat fit-12 ta' Lulju 2000 u minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied li huma SD li twieldet f'X u ghalhekk llum hija maggorenni u AD li twieled f'Y u ghalhekk ghadu minuri ;*

2. *Illi huma sseparaw permezz ta' sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti moghtija nhar it-3 ta' Marzu 2022 (Rik. Nru. 72/2021) ;*

3. *Illi l-kontendenti ilhom snin separati de facto u ghalhekk jissodisfaw kwalunkwe kritejru tal-ligi sabiex ir-rikorrenti tottjeni d-divorzju ;*

4. *Illi ai termini tal-istess sentenza surreferita hemm arretrati tal-manteniment dovuti mill-intimat lill-ulied tal-istess kontendenti u di piu' r-rikorrenti tiddikjara li l-intimat qatt ma ghadda ebda forma ta' manteniment ghall-uliedhom u li kienet dejjem hi li hadmet sabiex tghajjiex lill-uliedha ;*

5. *Illi m'hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet ;*

6. *Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment u tixtieq li hija tottjeni d-divorzju sabiex tkun tista' tkompli b'hajjitha ;*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn imsemmija ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex :*

a) *Tiddikjara li z-zwieg ta' bejn il-partijiet li zzewwgu fit-12 ta' Lulju tas-sena elfejn (2000) ghall-finijiet kollha tal-ligi ai termini tal-Artikolu 66A(1) Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*
b) *Tordna lir-Registru tal-Qorti sabiex fiz-zmien hekk prefiss mill-Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex jigi registrat hekk kif titlob il-ligi msemmija.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi.

Rat illi nhar l-24 ta' Novembru 2022 l-intimat deher mhux assistit u l-Qorti spjegatlu id-drittijiet legali tiegu izda hu ddikjara li ma jehtiegx assistenza legali u ma ghandux oggezzjoni ghad-divorzju (vide fol 7);

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet** (vide affidavit fol 3) illi l-kontendenti zzewwgu nhar it-12 ta' Lulju 2000 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal. Ziedet illi dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-partijiet isseparaw permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) nhar it-3 ta' Marzu 2022. Xehdet illi l-kontendenti ilhom ma jghixu flimkien ghal tul ta' zmien u dana stante illi minhabba l-vizzju li kellu l-intimat, hija kienet kostretta titlaq mid-dar matrimonjali li kienet tappartjeni lil

ommha u marret tghix ma wliedha f'residenza ohra. Iddikjarat illi l-intimat qatt ma ghaddilha ebda manteniment, minkejja l-fatt illi fis-sentenza finali l-intimat gie ordnat jhallas l-manteniment mensili kif ukoll l-arretrati. Sostniet illi l-attrici ma ghandha ebda kuntatt mal-intimat u l-ahhar illi kkomunika maghha l-intimat qallilha li jinsab gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Finalment iddikjarat li ma hemm ebda tama ta rikonciljazzjoni u l-kontendenti ghandhom hajja totalment separata minn xulxin. Di piu' applikat ghad-divorzju sabiex tkun kompletament independentement mill-intimat.

**L-intimat xehed** (viva voce fol 16) u kkonfermat u kkorrobora dak li xehdet l-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-12 ta' Lulju 2000, liema zwieg jgib certifikat numru 1209/2000 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 9). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' sentenza moghtija mill-Onor. Imhallef Anthony Vella nhar it-3 ta' Marzu 2022 (vide fol 12 et seqq.) Jirrizulta di piu', illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal diversi snin. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirrizulta illi l-intimat ghandu arretrati sostanzjali xi jhallas izda dan gie dikkjarat mill-attrici u ma gietx sollevata in via di eccezzjoni. Ghaldaqstant mhuwiex ostaklu legali ghall-akkordar tad-

divorzju.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1209/2000 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**